# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 4/2020

30 ta' April, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' permezz ta' Microsoft Teams minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, fil-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.2.1 Is-Sindku qal illi (ref 3.3.4 survey roundabout) is-survey sar mill-MIP u għamluhulna bla ħlas. Huwa qal li dan is-survey konna bagħtnih lil Perit tagħna sabiex seta' jsir il-proposal. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li kien bagħatilhom il-proposal sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-suġġerimenti tagħhom. Is-Sindku qal illi l-Perit kien diġa' beda jaħdem fuq il-BOQs sabiex inkunu nistghu nitfgħu l-applikazzjoni għad-DPF funds.

4.2.2 Is-Sindku qal illi Triq San Gwann issa kienet ser tinqala' kollha, anki l-parti fejn kien iżomm l-ilma taħt il-bankina sabiex ikun jista' jibqa' nieżel lejl il-Lidl. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Kunsill jista' jistaqsi lil persuna li għandha l-egħlieqi f'dawn l-inħawi jekk hemmx xi sienja tal-ilma.

4.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 3.4.1 (lasti tal-grawnd) kienu marbutin sewwa mal-art.

4.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref 3.4.2 (siġra mejta fil-pjazza) ma kienx hemmx bżonn ta' cherry picker sabiex tinqala'. Is-Sindku qal illi din is-siġra kienet ser tinqala' mill-istess kuntrattur li ser idur u jagħmel iż-żbir tas-siġar bic-cherry picker. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandha tinqala' is-siġra li hemm fi Gnien Dun Karm Vella u siġra taż-żebbuġ li hemm mejta fi Triq ta' Rqajja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għadha qed tistenna l-permess mill-ERA sabiex jinqalgħu dawn is-siġar.

4.2.5 Is-Sindku qal illi minn ftit wara l-aħħar laqgħa ref punt 3.4.4 (funtana fil-playing fields) il-Kunsill kien irnexxielu jħaddem il-funtana u s'issa baqgħet taħdem.

4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku qal illi f'laqgħa preċidenti l-Kunsill kien iddiskuta fuq xi toroq alternattivi li jistgħu jsiru minflok Triq il-Kaċċaturi. Huwa qal illi s'issa l-Kunsill kien għadu bla risposta għaliex il-Perit kellu jiċċekja fuqhom.

4.3.2 Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet fuq il-fanali kien beda u spjega kif kienu qed jinqalgħu u jeħlu l-fanali. Is-Sindku qal ukoll illi ż-żewġ fanali l-ġodda wkoll kienu twaħħlu.

4.3.3 Is-Sindku qal illi kien għamel talba mal-Greenpak sabiex issir kamera minflok li għandna ħdejn il-bring in sites u li tibda tkun monitored mill-Kunsill u l-Lesa. Is-Sindku qal illi l-intallazzjoni tal-istess kamera għandha ssir minn Greenpak pero' kienu għadhom qed jaraw minn fejn ser jittieħed id-dawl sabiex l-kamera tkun aktar effiċjenti. Saret diskussjoni rigward kif tista' ssir is-sistema tad-dawl. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien hemm *improvement* kbir fejn il-bring in sites. Dan ġie kkonfermat mis-Sindku fejn qal illi dan kien wieħed mis-sites li kien talab sabiex tiġi osservata minn uffiċjali pajżana tal-ERA.

4.3.4 Is-Sindku qal illi l-kapitelli li hemm f'Misraħ Ħlantun kienu qed iċedu u, wara ftehim li għamel mal-MTA, dawn il-kaptelli kienu se jinbidlu bi spejjeż tagħhom. Il-Viċi Sindku qal illi jekk il-ħadida ma ssirx eħxen sabiex jgħaddu l-vetturi din tibqa' ċċedi.

4.3.5 Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-Perit sabiex jibda jaħdem ukoll fuq l-*underground parking* taħt Ġnien Dun Karm Vella

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Perit kienx qalilna kemm ser jiswa s-Survey għal dan *l-underground parking*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu ma jafx kemm ser jiswa' s-survey pero' qal illi l-ewwel pass li jrid isir huwa li l-Kunsill jara  jekk kienx vijabbli li nagħmlu dan il-parkeġġ, kemm ser joħorġu parkeġġi imbagħad wara naraw bħala Kunsill kif ser inkunu nistgħu namministrawh. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera illi hekk kif ikollu xi żviluppi kien jgħarrafhom.

Il-Viċi Sindku qal illi peress li kien hemm diżlivell fil-livelli tat-toroq Triq il-Kaċċaturi lejn Triq ta' Gawhar ma kienx jidher li għandu jkun hemm hafna tqattih tal-blat, u ssuġerixxa illi l-parkeġġi jsiru b'30 degrees sabiex ikollna aktar parkeggi.

4.3.6 Is-Sindku qal illi kellu suġġeriment minn resident fi Triq tal-Palma  sabiex isiru double yellow lines fil-kantuniera għaliex jekk ikun hemm karozza ipparkjata naqra l-isfel qed ikollu problema sabiex joħrog l-trucktor mill-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandhom isiru d-double yellow lines b'tali mod li jiffaċilita' lil dan ir-resident li joħroġ mill-garaxx sabiex ma jintilfux ħafna  parkeggi.

4.3.7 Is-Sindku qal illi l-pandemija tal-Covid-19 tidher li kienet ser iddum aktar milli ħsibna u talab lill-kunsilliera sabiex joħorġu b'xi suġġeriment kif inkunu nistgħu ninkoraġġixxu lir-residenti u nkomplu nħeġġuhom jibqgħu d-dar kif qed ikun issuġġerit mill-Awtoritajiet. Huwa qal illi kien tkellem ma' animator illi qed toffri s-servizz taghha li jilbsu 3 mascots u jduru mar-raħal għal prezz ta' €100 għal tlett siegħat. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizzjattiva.

4.3.8 Is-Sindku qal illi kien baghat e-mail lill-Kunsilliera rigward proposta għal dar tal-Anzjani. Huwa qal li kien iċċekkja fuqha u sab li din mhix ser tkun amministrata mill-Gvern u għalhekk ser tkun privata. Is-Sindku qal illi diga' kienu nħolqu xi gruppi sabiex jagħmlu oġġezzjoni għal din l-istess dar tal-Anzjani u qal illi huwa diga' kien tkellem mas-Sindki tal-irħula tal-madwar sabiex issir oġġezzjoni.

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u kien hemm qbil unanimu illi għandha ssir dar għall-anzjani pero' mhux fil-post fejn qed ikun propost li tinbena għal fatt li huwa f'ODZ. Il-

Kunsill qabel ukoll illi għandna ningħaqdu mal-Kunsilli ġirien tagħna u mar-Reġjun sabiex l-oġġezzjoni tagħna tkun aktar effettiva u b'saħħitha u kif ukoll ikunu jistgħu jinqasmu l-ispejjez.

4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.4.1 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsill illi nhar il-Ħadd 24 ta' Mejju fil-pjazza ta' Ħal Safi ser ikun hemm il-*blood donation unit.*

4.4.2 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk konniex ser nirranġaw ir-roundabout ta' ħdejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku qal li dan kien ser isir max-xogħolijet li qed isiru fi Triq San Gwann.

4.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-ħajt ta' Triq il-Kenn u jekk konniex ħadna xi risposta mill-Planning Authority. Il-Kunsill qabel illi għandna nibgħatu reminder.

4.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa fuq ix-xogħolijiet li qed isiru fi Gnien Sir Alexander Ball.

Is-Sindku spjega fuq ix-xogħolijiet u li konna qabbadna projects manager. Is-Sur Mark Cocker issuġerixxa illi tal-anqas jew darba fil-ġimgħa jew darba f'ġimgħatejn ituna rendikont ta' x'saru xogħolijiet.

4.5 Passi Dixxiplinarji kontra Impjegata

Is-Sindku qara l-ittra tal-impjegata tal-Kunsill sabiex tiskolpa ruħha miż-żewġ avviżi ta' twissijiet li kienu saru fil-konfront tagħha. Is-Sindku spjega li konna tajniha 10 ijiem fejn tkun tista' ġġib il-provi neċessarji sabiex tiskolpa ruħha. Is-Sindku qal illi t-twegiba taghha bl-ebda mod ma tiġġustifika li l-fatt li l-impjegata ma daħlitx għax-xogħol u lanqas biss infurmat lill-Kunsill li ma kinetx se tidħol xogħol. Apparti dan, fl-ittra tagħha l-impjegata naqset li tagħti raġuni valida għalfejn f'ġurnata separata qabdet u telqet minn fuq il-post tax-xogħol minngħajr il-permess tas-superjuri tagħha. Il-Kunsill qabel li fl-ittra tagħha l-impjegata ma kienetx qed tiskolpa lilha nnifisha mill-akkuzi migjuba kontriha. Is-Sindku qal illi peress illi t-tieni twissija se tkun ingħatat fi spazju ta' inqas minn 6 xhur mill-ewwel twissija, jissuġġerixxi illi din it-tieni twissija għandha toħrog bħala l-aħħar avviż qabel ma jittiehdu passi ulterjuri. Il-Kunsill qabel illi għandna navżawha bil-miktub li din ser tkun l-

aħħar twissija u jekk se jkun hemm nuqqas ieħor il-Kunsill se jkun qed jiehu passi ulterjuri kontra l-impjegata skont il-proċeduri stabbiliti.

4.6 Korrispondenza

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward e-mail li kienet tirrigwardja l-feeders tal-qtates.

4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

4.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk l-istqarrija li l-Kunsill qabel rigward il-binja tad-dar tal-anzjani kelliex titla' fuq is-sit uffiċjali tal-Kunsill. Saret diskussjoini pero' sar qbil illi għandha titla' l-objection tagħna flimkien maż-żewġ kunsilli l-oħra.

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.45pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju, 2020, fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |